**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 408/2021JPG**

**Kawza Numru : 19**

**SS**

**U**

**KZM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' SS u KZM, datat 10 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ippremettew hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu fis-6 ta' Lulju 2013 fil-Knisja ta' Santa Marija f'Birkirkara – certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat 'Dok A',*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel u cioe' B li twieled f'X u li jghix mal-esponenti SS;*

*Illi l-partijiet huma legalment separati minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia datat it-30 ta' Lulju 2021, hawn anness u mmarkat bhala Dok B';*

*Illi l-esponenti KZM jhallas lill-esponenti SS manteniment ghal minuri B fis-somma ta' 300 Euro fix-xahar, liema manteniment qieghed jithallas regolarment;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante illi jghixu hajja totalment separata minn ma xulxin;*

*Illi ma jezistu l-ebda kwistjonijiet ohrajn pendenti bejn il-partijiet, kemm jekk monetarji, finanzjarji jew xorta ohra;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-esponenenti jiddikjaraw ukoll li huma domicijati f'Malta ghall-effetti u l-finijiet tal-Artikolu 66N(1)(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul b'mod definittiv u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti u l-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u sabiex din l-istess Onorabbli Qorti konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk, javża b'dan lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku skond il-ligi, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet (Fol 19) fejn iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi xi jressqu jew trattazzjoni ulterjuri x'jghamlu u ghalhekk stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SS xehdet** (vide fol 20) li hija zzewwget lil KZM nhar is-6 ta' Lulju 2013 u li minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed li ghadu minorenni. Tghid li l-partijiet isseparaw permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia datat 30 ta' Lulju 2021. Tikkonferma li l-hlas tal-manteniment dejjem gie onorat mill-missier u li ma ebda arretrati jew pendenzi f'dan ir-rigwards. Sostniet li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikoncilazzjoni bejniethom u llum il-gurnata jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Tkompli tixhed li salv dak kontenut fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom, ma ghandha ebda pretensjoni fil-konfront tar-ragel taghha.

**KZM xehed** (Fol 21) u kkorrobora ma' dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Lulju 2013, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1633/2013 (vide Dok A), certifikat taz-zwieg, a fol 3; u li minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-30 ta' Lulju 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia (vide Dok B, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal zmien li jeccedi dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1633/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**